DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 138/2010

tal-10 ta' Diċembru 2010

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT taż-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 123/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 ([2]) ġie inkorporat fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 69/2009 ([3]) tad-29 ta' Mejju 2009, b'adattamenti speċifiċi għal kull pajjiż.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2010 tal-4 ta' Marzu 2010 li jistipula miżuri għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ([4]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 358/2010 tat-23 ta' April 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 185/2010 tal-4 ta' Marzu 2010 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 185/2010 jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1217/2003 ([6]), (KE) Nru 1486/2003 ([7]), (KE) Nru 1138/2004 ([8]) u (KE) Nru 820/2008 ([9]), li huma inkorporati fil-Ftehim, iżda li għandhom jibqgħu japplikaw sakemm, u għalhekk imħassra biss taħt il-Ftehim b'effett mill-jum tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jdaħħlu fil-Ftehim il-miżuri ([10]) neċessarji għall-applikabilità tar-Regolament (KE) Nru 300/2008,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jidħol wara l-punt 66hd (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2009):

"66he. **32010 R 0185**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2010 tal-4 ta' Marzu 2010 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni (ĠU L 55, 5.3.2010, p. 1), hekk kif ikkoreġut mill-ĠU L 253, 28.9.2010, p. 61, kif emendat permezz ta:

— **32010 R 0358**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 358/2010 tat-23 ta' April 2010 (ĠU L 105, 27.4.2010, p. 12).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Dan ir-Regolament għandu japplika mid-data li fiha jidħlu fis-seħħ l-aħħar fost id-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinkorporaw fil-Ftehim il-miżuri neċessarji għall-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 300/2008."

2. L-inċiż li ġej għandu jiddaħħal fil-punti 66i (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 820/2008), 66j (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1217/2003) u 66 m (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1138/2004):

"Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

([1]) ĠU L 58, 3.3.2011, p. 81.
([2]) ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72.
([3]) ĠU L 232, 3.9.2009, p. 25.
([4]) ĠU L 55, 5.3.2010, p. 1.
([5]) ĠU L 105, 27.4.2010, p. 12.
([6]) ĠU L 169, 8.7.2003, p. 44.
([7]) ĠU L 213, 23.8.2003, p. 3.
([8]) ĠU L 221, 22.6.2004, p. 6.
([9]) ĠU L 221, 19.8.2008, p. 8.
([10]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 272/2009 tat-2 ta' April 2009, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2009 tat-18 ta' Diċembru 2009, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 18/2010 tat-8 ta' Jannar 2010, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 72/2010 tas-26 ta' Jannar 2010, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2010 tal-4 ta' Marzu 2010, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 297/2010 tad-9 ta' April 2010, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 357/2010 tat-23 ta' April 2010, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 358/2010 tat-23 ta' April 2010, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010)774 finali tat-13 ta' April 2010 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010)2604 finali tat-23 ta' April 2010.

Dan ir-Regolament għandu japplika sad-data li jidħlu fis-seħħ l-aħħar tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinkorporaw fil-Ftehim il-miżuri neċessarji għall-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 300/2008".

3. It-test tal-punt 66k (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1486/2003) għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) L-adattament attwali għandu jiġi nnumerat bħala adattament (a).

(ii) L-adattament li ġej għandu jiddaħħal wara l-adattament il-ġdid (a):

"(b) Dan ir-Regolament għandu japplika sad-data li jidħlu fis-seħħ l-aħħar tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinkorporaw fil-Ftehim il-miżuri neċessarji għall-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 300/2008".

4. It-test tal-punti 66i (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 820/2008), 66j (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1217/2003), 66k (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1486/2003) u 66 m (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1138/2004) għandhom jitħassru b'effett mid-data li fiha l-aħħar Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinkorporaw fil-Ftehim il-miżuri neċessarji għall-applikabilità tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 jidħlu fis-seħħ.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 185/2010 u (UE) Nru 358/2010 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.